31 ta' Ottubru, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Louis Camilleri *versus* Anthony Schembri ne.**

## Board tal-Kera — Sentenza — Nullità.

*Is-sentenza tal-Board tal-Kera li timmotiva d-deċiżjoni dwar domanda biex jiġi regolat il-kera ta' fond fuq il-motiv li skond l-opinjoni tal-membri tekniċi tal-Board il-fond ħaqqu dak il-kera li jingħad*

*fis-sentenza, fiha motivazzjoni biżżejjed u għalhekk ma hix nulla meta ma jkunx fiha motivazzjonijiet oħra.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, ta' l-imsemmi Camilleri, li talab (1) li tiġi mićħuda l-pretensjoni ta' għoli magħmula mill-imsemmi Schembri b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar, 1948, jew, skond il-każ, jiġi stabbilit il-kera ġust għal lokazzjoni *l-ġdida b'effett mill-1 ta'* April 1948 (2) li tiġi mposta l-kondizzjoni li l-inkwilin ma jkunx jista' jissubaffitta l-fond jew inkella jċedi l-kera lil ħadd ieħor ħlief bil-kunsens tal-lokatur; u (3) li jagħmel kull kondizzjoni u tibdil ieħor li jirriżulta xieraq skond il-liġi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

*Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fil-11 ta' Mejju* 1949, li biha ġie pprovdut fuq it-talba fis-sens li l-għoli tal-kera għandu jkun minn £130 għal £220 fis-sena, konfermati l-kondizzjonijiet li jirriżultaw mill-ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 1948, u bil-kondizzjoni wkoll li l-intimat ma jkunx jista jissulloka l-fond jew iċedi l-kera mingħajr il-permess tassid, u li l-kera awmentat kellu jitħallas bit-tliet xhur bil-qud*diem u jibda jgħaddi mill-1 ta' April 1948;* bl-ispejjeż 17/20 għall-intimat u 3/20 għar-rikorrent;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Camilleri quddiem din il-Qorti, fejn talab (1) li jiġi revokat id-digriet tad-9 ta' Mejju 1949 u *milqugħa t-talba bir-rikors tat-3 ta' Mejju 1949; u (2)* li tiġi riformata s-sentenza tal-11 ta' Mejju 1949, billi jiġi respint l-awment kollu pretiż mill-imsemmi Schembri, u għalhekk jiġi dikjarat li l-kera għandu jibqa' fil-miżura ta' £130 fis-sena, konfermati l-kondizzjonijiet l-oħra kontenuti fis-sentenza appellata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-pretensjoni ta' l-appellant hija li s-sentenza tal-Board hija nulla, u għalhekk l-eżami ta' din il-Qorti huwa ristrett għal din il-kwistjoni; għaliex jekk din il-Qorti tasal għall-kon*klużjoni illi dik is-sentenza hija nulla,* salva d-dispożizzjoni fuq difetti tal-forma, allura ma jkollha l-ebda sentenza qud-

diemha u terġa' tirrinvija l-kawża quddiem il-Board tal-Kera:

Tikkunsidra;

Illi ebda nullità ma tidher li hemm; infatti kif dejjem sar, wara li l-membri tekniċi jeżaminaw il-fond, jistabbilixxu kemm, skond l-opinjoni tagħhom, imissu kera l-post skond il-kriterji permessi mill-liġi. Imbagħad il-Board, fis-sentenza, jew jagħmel riferenza għal dak ir-rapport tal-membri tekniċi, jew "expressis verbis" jgħid illi skond il-kalkoli tal-membri tekniċi l-post ħaqqu tant bħala kera. Din hija motivazzjoni biżżejjed f'każijiet simili;

Tikkunsidra;

Illi fuq ir-rikors tat-3 ta' Mejju u d-digriet tad-9 ta' Mejju 1939, la darba l-Board deherlu illi għandu biżżejjed elementi biex jista' jiddeċidi l-kawża, għamel sewwa li rrespinġa dik it-talba; u ma hemm l-ebda nullità;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-appellant illi s-sentenza fuq imsemmija u d-digriet tad-9. 5. 49 huma nulli; u għalhekk, deċiża din il-kwistjoni, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-meritu, għax ma hemm l-ebda kwistjoni oħra ta' dritt involuta, u għalhekk fil-meritu l-appell huwa null. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat appellant.